ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/113

tal-25 ta' Jannar 2021

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittribejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cookdwar estensjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjonital-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibblibejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1545 ([2]), il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar estensjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ("il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri"), li ser jiskadi fit-13 ta' Ottubru 2020, ġie ffirmat fit-13 ta' Novembru 2020, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(2) L-għan tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa li jippermetti lill-Unjoni u lill-Gvern tal-Gżejjer Cook ikomplu jaħdmu bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook u biex il-bastimenti tal-Unjoni jitħallew iwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawk l-ilmijiet.

(3) Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jenħtieġ li jkun approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook dwar estensjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([3]).

([1]) Approvazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Knsill (UE) 2020/1545 tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook dwar estensjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (ĠU L 356, 26.10.2020, p. 7).

([3]) It-test tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa ppublikat fil-ĠU L 356, tas-26 ta' Ottubru 2020.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fil-punt 6 tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ([4]).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.